31977R0495

12.3.1977 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 66/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE, EURATOM, KEFA) Nru 495/77 tat-8 ta' Marzu 1977 li jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali li huma ntitolati għall, u l-kondizzjonijiet għal, u r-rati ta', allowances għal xogħol regolari ta' stand-by

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra ir-Regolamenti dwar il-Persunal tal-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' impjegati tal-Komunitajiet Ewropej stabbiliti fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 [1], kif emendat mir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3178/76 [2], u partikolarment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 56b tar-Regolamenti dwar il-Persunal,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi huwa għall-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, biex jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali intitolati għal, u l-kondizzjonijiet għal, u r-rati ta', *allowances* li jistgħu jingħataw lill-uffiċjali li huma regolarment meħtieġa jwettqu xogħol ta' *stand-by duty* fil-post ta' l-impieg jew id-dar f'ħinijiet li mhumhiex il-ħinijiet normali tax-xogħol,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Uffiċjali mħallsa minn approprjazzjonijiet fl-estimi operattivi għal riċerka u investiment u impjegati f'istituzzjoni taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka jew li jaħdmu f'azzjonijiet indiretti, jew li huma mħallsa minn approprjazzjonijiet fil-*budget* operattiv u impjegati biex imexxu u jissorveljaw stallazzjonijiet tekniċi jew biex jaħdmu f'servizzi mediċi, huma intitolati għall-*allowance* meta jkunu meħtieġa jwettqu xogħol ta' *stand-by* skond l-Artikolu 56b tar-Regolamenti Dwar il-Persunal.

L-*allowance* għandha tiġi stabbilita kif ġej:

(a) l-*allowance* għandha tiġi espressa f' punti. Punt ikun jiswa' daqs 0.032 % tal-paga bażika ta' uffiċjal fil-Grad ta' D4, tarġa 1. L-*allowance* għandha tiġi aġġustata skond il-koeffiċjent korrettiv applikabbli lill-paga ta' l-uffiċjal;

(b) in-numru ta' punti fis-siegħa ta' xogħol *stand-by* li fil-fatt iseħħ:

— għall-*stand-by duty* fil-post ta' impieg: 11 għall-jiem utli u 22 għas-Sibtijiet, Ħdud, u ġranet ta' vakanza pubblika;

— għall-*stand-by duty* li jsir id-dar: 2.15 għall-jiem utli u 4.3 għas-Sibtijiet, Ħdud u ġranet ta' vakanza pubblika.

2. L-*allowance* f'*stand-by duty* id-dar ma tingħatax jekk il-perjodu attwali ta' xogħol ma tkunx għall-inqas 14-il siegħa.

3. L-uffiċjal li jista' juri li għall-perjodu ta' mhux iktar minn xahar ma kienx tħalla jaħdem xogħol *stand-by* fil-post ta' l-impieg minħabba mard jew inċident, jew għax kien bil-*leave* ta' kull sena, jibqa' intitolat għall-*allowance*. Jekk l-uffiċjal ma kienx tħalla jaħdem xogħol *stand-by* għal iktar minn xahar minħabba mard, jew inċident, id-dritt għall-*allowance* jiġi sospiż fi tmiem l-ewwel xahar sa kemm jerġa jibda jaħdem.

Għall-perjodu msemmi qabel, l-uffiċjal huwa intitolat għall-*allowance* ta' 42 punt għal kull ġurnata ta' assenza dovuta għall-mard jew inċident li għalihom l-uffiċjal jista' jippreżenta ċertifikat mediku, jew għal kull ġurnata tal-*leave* ta' kull sena.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jgħodd ukoll għall-impjegati temporanji, awżiljari u impjegati ta' l-istabbilimenti.

Artikolu 3

F'April ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tagħti lill-Kunsill rapport bin-numru ta' uffiċjali u impjegati f'kull kategorija li rċevew l-*allowance* imsemmija f'dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 56, ta' l-4.3.1968, p. 1.
[2] ĠU L 359, tat-30.12.1976, p. 9.

Artikolu 4

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1371/72 tas-27 ta' Ġunju 1972 li jistabbilixxi ir-rati u l-kondizzjonijiet ta' l-*allowances* speċjali li jistgħu jingħataw lil uffiċjali jew impjegati li huma mħallsa mill-approprjazzjonijiet fl-estimi operattivi għal riċerka u investiment u impjegati fi stabbiliment taċ- Centru Konġunt tar-Riċerka jew li jaħdmu f'azzjoni indiretta, għal ċertu servizzi ta' natura speċjali [1], huwa hawnhekk imħassar.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-8 ta' Marzu 1977.

Għall-Kunsill

Il-President

D. OWEN

[1] ĠU L 149, ta' l-1.7.1972, p. 4.